MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 10

26 ta' Frar 2025

Minuti tas-seduta Nru. 10 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsilliera C. Castillo li talbet li tiġi skużata peress li kellha ssiefer fuq xogħol.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 8 tad-29 ta' Jannar 2025 u tas-Seduta Nru. 9 tat-18 ta' Frar 2025 ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tiġdid tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)

2.1.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li ntbagħtet imejl lill-Identità Malta fejn il-Kunsill talab li rappreżentanti minn Identità Malta jiġu jagħtu servizz fil-Mellieħa stess sabiex jiġġeddu d-dokumenti tal-Karta tal-Identità li ser jiskadu f'Ġunju 2025, liema talba ma ġietx milqugħa.

2.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tintbagħat talba oħra possibiliment lill-Ministeru konċernat peress li l-Kunsill qed jiġi avviċinat minn anzjani u qed issirlu pressjoni biex possibiliment dan l-arranġament ikun jista' jsir.

### 2.2.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Perit ta' Central Asphalt Ltd is-Sur Dario Mangion talab li ssir spezzjoni tat-toroq li l-Kunsill identifika u li jeħtieġ li jiġu scarified.

2.2.3. Is-Sindku G. Micallef qal li għandha tiġi ffissata data sabiex issir din l-ispezzjoni.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.3.1. Il-Book Box fil-Park tal-Familja (L/4/Vol IV)**

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li għal darb'oħra l-book box reġgħet ġiet ivvandalizzata u Ms Clare Jackson sabet ħafna mill-kotba mxerda mal-art.

2.3.3. Il-Kunsillier Kurt Buttigieg issuġġerixxa li forsi jkun aħjar jekk fil-book box ma jkunx hemm ammont kbir ta' kotba .

2.3.4. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-armoured cable issa qiegħed f'idejn l-electrician li ser jagħmel ix-xogħol meħtieġ sabiex il-kameras tas-sigurtà li hemm fil-Park tal-Familja jerġgħu jibdew jaħdmu.

2.3.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1 Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)**

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef qal li għal-laqgħa mal-Pulizija tal-Komunità li saret fit-12 ta' Frar 2025, attendew flimkien miegħu l-Kunsillier E. Bartolo, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ms M. Gambin u s-Surġent Ivan Mifsud u l-Kuntistabbli Clayton Scicluna f'isem il-Pulizija tal-Komunità.

2.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fost id-diversi punti li tqajjmu f'din il-laqgħa, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ispettur Gabria Gatt se tkun stazzjonata l-Mellieħa. B'rabta ma' din id-deċiżjoni, jidher li kellha ssir spezzjoni fl-Għassa tal-Pulizija tal-Mellieħa minn Perit imqabbad mid-Dipartiment tal-Pulizija u rriżulta li l-Perit ikkonferma li l-Għassa ma tistax tibqa' tintuża minħabba l-kundizzjoni tal-binja u l-periklu li jeżisti. Fil-fatt id-Dipartiment tal-Pulizija minnufih beda jaħdem fuq sejħa għall-offerta sabiex isiru t-tiswijiet neċessarji speċjalment fis-soqfa.

2.4.4. Is-Sindku kompla jgħid li b'rabta ma' dan, is-Supretendent Joseph Busuttil flimkien mal-Ispettur Gabria Gatt tkellmu mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv dwar il-possibilità li t-tim tal-pulizija tal-komunità tal-Mellieħa jerġgħu jibdew jużaw l-uffiċċju li kellhom fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Din id-deċiżjoni ttieħdet wara li ġew meħuda in konsiderazzjoni żewġ għażliet – jew li l-Pulizija jużaw l-Għassa tal-Għadira li fil-fehma tal-Pulizija ma kinitx vijabbli peress li tinsab maqtugħa mill-komunità, jew inkella jintuża l-uffiċċju tal-Kunsill peress li huwa aktar post ċentrali.

2.4.5. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jilqa' t-talba tal-Pulizija li jużaw l-uffiċċju tal-Kunsill għax jemmen li l-Pulizija għandhom jingħataw prijorità iżda qal li għandhom isiru l-kuntatti neċessarji mal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin peress li l-FKNK kienu qed jagħmlu użu minn dan l-istess uffiċċju bħalissa.

2.4.6. Is-Sindku G. Micallef qal li jekk il-Kunsill jaqbel, l-FKNK jistgħu jagħmlu użu minn waħda mill-kmamar li hemm fil-Park tal-Familja, peress li l-irziezet ta' Selmun hemm xi ħsarat li jridu jiġu ndirizzati. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-kmamar fil-Park tal-Familja huma adattati u jaqbel mal-fatt li dawn jintużaw speċjalment minn għaqdiet u organizazzjonijiet sportivi lokali.

2.4.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg talab li jkun infurmat meta jkunu ser isiru laqgħat mal-Pulizija tal-Komunità, peress li jixtieq jibda jattendi għalihom.

2.4.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1 Servizzi ta' Environmental Rangers fiż-Żoni Urbani tal-Mellieħa (W/3/Vol XI)**

2.5.2. Is-Sindku G. Micallef issuġġerixxa li għandha ssir laqgħa introduttorja mal-Malta Rangers Unit li matulha jiġi diskuss x'qiegħed jistenna il-Kunsill minn dan is-servizz u min-naħa l-oħra jisma' l-opinjoni tal-Environmental Rangers.

2.5.3. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tat-Tfal ser issir fl-20 ta' Marzu 2025 fl-4.30p.m. Hija ssuġġerit li f'din il-laqgħa, il-membri ser jiġu mħeġġa joħolqu inizjattiva ta' clean-up huma stess.

2.6.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li għal-laqgħa li saret fil-25 ta' Frar 2025, attendew erbgħa u għoxrin membri tal-Kunsill Lokali tat-Tfal fil-Mellieħa.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li għall-ħarġa kulturali li saret fis-26 ta' Frar 2025 attendew erba' u tletin persuna li apprezzaw ferm iż-żjara li għamlu ġewwa Ħaż-Żabbar.

2.7.3. Hija ssuġġerit li għall-ħarġa kulturali li jmiss f'Marzu 2025, il-Kunsill jista' jaċċetta stedina li saritlu mill-Arkivji Notarili li ħarġu b'inizjattiva li joffru saħansitra servizz ta' gwida għal gruppi li jixtiequ jżuru dawn l-arkivji. Il-prezz huwa ta' €8 għal kull persuna li jinkludi r-refreshments. L-ispejjeż għall-Kunsill ikunu biss fejn jidħol it-trasport.

2.7.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li meta tkun ser issir ħarġa kulturali, il-Kunsill jista' jitlob lill-Arċipriet jinkludi avviż mal-avviżi tal-Parroċċa sabiex dawk l-anzjani li ma jsegwux il-midja soċjali jkunu nfurmati wkoll. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-istess avviżi għandhom jinqraw fil-Kappella tal-Madonna tal-Fidwa, Selmun peress li jmorru ħafna Melleħin għall-quddies f'din il-kappella.

2.7.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fid-9 ta' Frar 2025, tletin persuna marru l-Mobile Blood Unit li kienet il-Mellieħa u taw id-demm.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Esperjenza ta' Community Engagement minn Studenti li qed isegwu kors ta' Infermiera fl-Università ta' Malta (K/16 )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li kellha laqgħa ma' seba' studenti li qed isegwu kors ta' infermiera fl-Università ta' Malta li fuq inizjattiva tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dawn l-istudenti kellhom jesperjenzaw erba' ġimgħat ta' community engagement fil-Mellieħa. L-għan ta' l-esperjenza huwa li dawn l-istudenti jkollhom l-opportunità li jitkellmu mal-membri tal-komunità ġejjin minn setturi differenti u jaraw kif dawn il-persuni qed jgħixu l-ħajja tagħhom.

2.9.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li s'issa dawn l-istudenti kienu żaru d-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa u hemmhekk diġa' kellhom esperjenza sabiħa ħafna. Huma tkellmu wkoll man-nies li ltaqgħu magħhom fit-toroq tal-Mellieħa. Hija qalet ukoll li se titkellem maċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa sabiex dawn l-istudenti jkunu jistgħu jżuru dan iċ-ċentru wkoll.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Trattament ta' bankini li jiżolqu (D/3/1/Vol XIII)**

2.10.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferit għall-minuta 3.3.2. tas-seduta preċedenti fejn kien intqal li jrid isir xi tip ta' intervent fit-taraġ ta' Triq it-Tonn peress li jiżloq ħafna.

2.10.3 Il-Kunsilliera L. Darmanin talbet li jiżdied ukoll it-taraġ li hemm fi Triq it-Tgħam fejn Miżieb Heights.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Introduzzjoni ta' Cat Cafes (A/9/Vol II)**

2.11.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ippreżentat lista ta' postijiet fejn possibiliment jistgħu jsiru cat cafes. Il-Kunsilliera R. Bartolo qalet li din il-lista li kienet tinkludi tlieta u tletin sit, saret mis-Sinjura Tiziana Bartolo, voluntiera responsabbli mill-qtates abbandunati fil-Mellieħa u l-Manikata.

2.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għalissa għandhom jiġu identifikati madwar tliet siti differenti u jintużaw bħala proġett pilota.

**2.11.1. Compliance Audit fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (F/1/2/Vol X)**

2.12.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2025 waslet imejl mingħand l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar il-Compliance Audit li kien ser isir fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Hija qalet li ma' din l-imejl kien hemm l-ewwel lista ta' dokumenti li l-NAO kienu qed jitolbu flimkien ma' numru ta' mistoqsijiet li riedu jiġu mwieġba sat-28 ta' Frar 2025.

2.12.3. Hija tat spjega dettaljata tal-affarijiet mitluba. Fost id-dokumentazzjoni li kienet qed tiġi mitluba kien hemm:

(i) L-iskedi ta' pagamenti tas-sena 2024;

(ii) L-iskedi tal-Petty Cash tas-sena 2024 u kopji ta' ċertu riċevuti;

(iii) Kopji tal-ftehim ta' ġemellaġġ ma' Adenau, Cavriglia u Agia Napa kif ukoll l-approvazzjoni bil-miktub tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal dawn il-ġemellaġġi;

(iv) Health Insurance Policy u l-Group Life Policy;

(v) Kuntratti;

(vi) Lease Agreements mal-Awtorità tal-Artijiet;

(vii) Kwotazzjonijiet;

2.12.4. Fost il-mistoqsijiet li saru, kien hemm fuq:

(i) Direct Orders;

(ii) Mobile Phone tal-Kunsill;

(iii) L-Overtime tal-Ħaddiema tal-Kunsill;

(iv) Il-kiri ta' vann għall-ħaddiema tal-Kunsill;

(v) Hospitality Expenses;

(vi) Maintenance Agreements;

(vii) Servizzi mogħtija mill-baned u għaqdiet lokali;

(viii) Sejħiet għall-Kwotazzjonijiet;

(ix) Skemi li fihom ikun ipparteċipa l-Kunsill;

(x) Tiġdid ta' Lease Agreements mal-Awtorità tal-Artijiet.

2.12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.13.1. Kuntratt MLC 1/2024 – Proġett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

2.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi t-talba li l-Kunsill għamel sabiex iġedded id-data tal-għeluq tal-proġett għall-31 ta' Marzu 2025, ġiet aċċettata. Dan ċertament ser jgħin sabiex ix-xogħlijiet kif ukoll id-dokumentazzjoni jitlestew fil-ħin.

2.13.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi x-xahar ta' Frar 2025 saret sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex isiru l-purtieri tas-sala. L-aktar sejħa vantaġġuża fost ħames kwotazzjonijiet kienet ta' Kuluri Malta.

2.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Attività f'Jum iddedikat għall-Awtiżmu**

3.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li t-2 ta' April 2025 huwa l-jum iddedikat biex jitqajjem aktar għarfien dwar l-awtiżmu. Għal dan il-għan, is-Sinjura L. Darmanin ipproponiet li l-Kunsill jorganizza attività li tkun miftuħa għal kulħadd bil-għan li titqajjem aktar kuxjenza u għarfien dwar din il-kundizzjoni.

3.1.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li għal din l-attività, il-Kunsill jistieden jipparteċipaw il-coaches tat-tfal li jilagħbu l-futbol mal-Mellieħa Sports Club Football Nursery, peress li dawn il-coaches qed jingħataw taħriġ biex ikunu jistgħu jgħallmu din id-dixxiplina sportiva lil tfal li għandhom l-awtiżmu u jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom ma' dawk preżenti.

3.1.5. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u talab lill-Kunsilliera L. Darmanin tikkordina din l-attività.

**3.2.1 Ornamenti tad-Dawl fi Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/3 Vol IV)**

3.2.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa minn hu responsabbli tal-ornamenti tad-dawl li hemm matul Triq l-Inkurunazzjoni peress li dawn qed jispiċċaw ivvandalizzati.

3.2.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg wieġeb li l-ornamenti tad-dawl saru mal-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa u ta' Triq l-Inkurunazzjoni mill-Ministeru tat-Turiżmu, għaldaqstant huma responsabbiltà tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

3.2.4. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi l-Kunsill diġa' ġibed l-attenzjoni tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u hekk ser ikompli jagħmel peress li dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3.2.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jerġa' jisħaq mal-Awtorità tat-Turiżmu biex jintlaħaq ftehim bejn iż-żewġ partijiet u jiġi stabbilit maintenance agreement tali li l-Kunsill ikun jista' jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa u l-Awtorità tiffinanzja l-ispejjeż li jkun hemm involuti.

3.2.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1. Iċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (C/7)**

3.3.2. Il-Viċi Sinku M. Borg Cuschieri staqsa min hu responsabbli miż-żamma taċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji peress li hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix ħażin u jidher li m'hemmx sistema ta' kif dan il-post jitnaddaf.

3.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg wieġeb li s-Sur John Bray huwa l-persuna responsabbli mit-tindif ta' dan iċ-ċimiterju. Madanakollu, issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika u jinforma lid-Dipartiment konċernat bil-bżonnijiet taċ-ċimiterju.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.4.1. Kollaborazzjoni ma' Culture Venture Malta (K/16)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa kellu laqgħa ma' Culture Venture – intrapriża żgħira u kreattiva li ġiet stabbilita fl-2018. L-għan ta' Culture Venture huwa li toffri konsultazzjoni u taħriġ fis-setturi tal-kultura u tal-kreattività.

3.4.3. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-Kunsill jista' jikkolabora ma' din l-intrapriża sabiex potenzjalment jiġu identifikati oqsma fil-komunità fejn hemm bżonn ta' titjib bħal pereżempju għaliex hemm nuqqas ta' attiviżmu fost iż-żgħażagħ fost oħrajn u jsir studju apposta fuq din il-materja.

3.4.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li tista' tkun interessanti li ssir riċerka fuq l-identità tal-Mellieħa llum il-ġurnata.

3.4.5. Is-Sindku G. Micallef qal li jaqbel ma' dan is-suġġeriment għax fil-fehma tiegħu l-Mellieħa tant inbiddlet mas-snin li għandu jsir studju li jidentifa l-karatteristiċi tal-Mellieħa llum.

3.4.6. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ħsieb u innota t-tagħrif mogħti.

### 3.5.1. Inizjattiva b'risq l-Integrazzjoni Soċjali (I/3)

3.5.1. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa ipprepara l-online survey kif kien ġie maqbul fis-seduti preċedenti u talab li jiġi ippubblikat artiklu fuq il-midju soċjali bħala tnedija ta' din l-inizjattiva. Huwa qal li r-rispons marbut ma' dan is-survey ser jaslu fuq l-indirizz elettroniku tal-Kunsill: melliehalocalcouncil@gmail.com.

3.5.2. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jagħti madwar ġimgħatejn ċans imbagħad ikun jista' jsegwi l-parteċipazzjoni kif qed tkun.

3.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.6.1 Il-Magazin Mill-Qiegħa (P/3/2/Vol V)

3.6.2 Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa jekk il-Kunsill hux beħsiebu jibqa' jippubblika l-magazin tiegħu Mill-Qiegħa, peress li l-persuni barranin li jgħixu fil-lokalità jistgħu jikkontribwixxu fih.

3.6.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li fil-fatt se jibdew l-arranġamenti meħtieġa sabiex dan il-Kunsill joħroġ l-ewwel ħarġa tal-magazin Mill-Qiegħa f'din il-leġislatura. Madankollu huwa qal li l-magazin Mill-Qiegħa dejjem tratta l-ħidma mwettqa mill-Kunsill.

3.6.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-magazin tal-Kunsill jgħodd ħafna għall-pesuni anzjani speċjalment dawk li ma jsegwux il-midja soċjali u għadhom ifittxu materjal ippubblikat.

3.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/02/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/01/2025 – 21/02/2025;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/01/2025 – 17/02/2025;
- Agenda tal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana Numru 18
- Minuti tal-Laqgħa |Numru 17 tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

### 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Laqgħa ma' Selmun Sports Club (M/4/1/Vol III)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fis-6 ta' Frar 2025 saret il-laqgħa ma' Selmun Sport Club u matulha ġie spjegat lill-membri tal-kumitat ta' dan il-klabb l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Bill of Quantities sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa fil-Park tal-Familja. Is-Sindku infurmahom li huwa ppjanat li dawn ix-xogħlijiet isiru bejn Ġunju 2025 u Settembru 2025.

5.1.3. Is-Sindku qal ukoll li l-membri tal-kumitat urew ix-xewqa li maż-żewġt ikmamar li huma diġa' jużaw fil-Park tal-Familja tiżdied kamra oħra.

5.1.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fiż-żewġt ikmamar li qed jużaw bħalissa huma biddlu l-pavimentar sabiex ikun adattat għall-isport tal-weightlifting. Is-Sur Buttigieg qal ukoll li bħala klabb huma għamlu wkoll Risk Assessment. Hawnhekk is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jiċċekkja jekk il-polza tal-assigurazzjoni li huwa għandu hemmx inkluż ukoll third party liability kif ukoll issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel Health & Safety Report min-naħa tiegħu.

5.1.5. Is-Sindku G. Micallef staqsa għandux isir xi tip ta' ftehim ma' dan il-klabb dwar l-użu tal-faċilitajiet tal-Park tal-Familja.

5.1.6. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri qal li tkun ħaġa f'lokha li jsir ftehim imma m'għandux ikun ftehim ta' aktar minn tliet snin sabiex il-Kunsill ma jorbotx il-Kunsill ta' wara.

5.1.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk jeżistix ftehim simili mal-kumplament tal-għaqdiet sportivi li wkoll jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Park tal-Familja.

5.1.8. Il-Kunsillier K. Buttigieg wieġeb li jeżisti ftehim li kien ġie iffirmat matul il-leġislatura preċedenti.

5.1.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.2.1. Laqgħa bejn il-Kunsill u d-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol X111)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li saret laqgħa online li għaliha attendew is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Perit Deborah Cassar f'isem id-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Matul din il-laqgħa ġew diskussi l-bosta xogħlijiet pendenti li kien hemm u l-proċess 'il ġdid li l-Kunsilli Lokali jridu jimxu miegħu fix-xogħol preparatorju li jkun għaddej fil-każi tal-implimentazzjoni tax-xogħlijiet.

5.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Xogħol ta' Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef informa lill-membri preżenti fuq ix-xogħlijiet preparatorji li għaddejjin fuq il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar, bix-xogħlijiet tal-Perit assenjat jindikaw li x-xogħlijiet mistennija li jibdew f'Marzu 2025 ladarba d-dokumentazzjoni mal-Building and Construction Authority (BCA) jiġu ifformalizzati u sottomessi.

5.3.3. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li jiġu stabbiliti timeframes biex ix-xogħlijiet jimxu mingħajr xkiel u jkun hemm indikazzjonijiet ċarti meta mistennija li jitlestew.

5.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Xogħlijiet ta' New Water fi Triq il-Wilġa u fi Triq Għajn Tuffieħa minn Infrastructure Malta (W/2/Vol IV)

5.4.2. Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti dwar is-sitwazzjoni li nqalgħet minħabba xogħlijiet mhux mistennija fi Triq il-Wilġa minn Infrastructure Malta. Is-Sindku qal li fil-fatt kienu r-residenti stess li għamlu rapporti dwar l-għeluq ta' Triq il-Wilġa mingħajr avviż. Huwa qal li hu personalment talab lill-Perit responsabbli minn dawn ix-xogħlijit sabiex jitwaqqfu temporanjament ix-xogħlijiet, sakemm tingħata kjarifika u informazzjoni dwar dawn ix-xogħlijiet. Il-Perit Joseph Galea f'isem Infrastructure

Malta ikkonferma li sfortunatament dan kien riżultat li l-kuntrattur iddeċieda li jibda x-xogħlijiet minnufih.

5.4.3. Is-Sindku kompla billi qal li ntlaħaq ftehim li fejn ikunu ħa jsiru xogħlijiet ta' dan it-tip, il-Kunsill inkun infurmat minn qabel sabiex ikun jista' jippubblika l-avviżi meħtieġa.

5.4.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.5.1. Xogħlijiet ta' New Water fi Triq il-Miżieb (W/2/Vol IV)**

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef aġġorna lill-membri preżenti dwar ix-xogħlijiet fi Triq il-Miżieb wara on-site visit li saret minnu u mill-Kunsillier Emvin Bartolo. Matul din l-on site visit setgħu jiġu innutati xogħlijiet preparatorji qabel ma jibda jingħata l-asfalt u anke l-kwistjonijiet li kien hemm mar-residenti tal-madwar. Huwa tenna li wara informazzjoni li ngħatat mill-Inġinier u l-Periti responsabbli, ix-xogħlijiet għandhom jidħlu fil-fażi finali u t-triq tkun tista' tinfetaħ fil-bidu ta' Marzu 2025.

5.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1 Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Frar 2025, il-Bord ta' Evalwazzjoni kompost minnu, mill-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin min-naħa tal-Kunsill flimkien mas-Sinjuri Keith Buttigieg u Dorian Bugeja min-naħa ta' Project Green kellhom l-ewwel laqgħa online. Matul din il-laqgħa, il-membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni permezz tas-sistema Epps raw is-seba' offerti li ntefgħu għal dan il-proġett u iċċekkjaw ir-rekwiżiti mitluba fil-parti amministrattiva tas-sejħa għall-offerti.

5.6.3. Is-Sindku kompla billi qal li waqt din l-evalwazzjoni, irriżulta li wieħed mill-offerenti kien ħa jagħmel sub-contracting ta' parti mix-xogħlijiet u l-Kunsillier J. Buttigieg iddikjara li kellu kunflitt ta' interess peress li kellu relazzjoni familjari ma' sub contractor. Għal dan il-għan, is-Sindku għarraf li kien hemm qbil li l-Kunsillier J. Cauchi jieħu post s-Sur J. Buttigieg.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li Project Green għandhom jiġu infurmati b'din in-nomina.

**5.7.1 Forti Campbell, f'Selmun (P/5/2/Vol II)**

5.7.2 Is-Sindku G. Micallef informa lill-Kunsill li fid-19 ta' Frar 2025 huwa rċieva email mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn intalab jagħti informazzjoni fuq il-progress li sar fuq ir-rapporti li kienu saru dwar l-istat perikoluż li jinsab fih il-Forti ta' Campbell.

5.7.3. Is-Sindku qal li huwa wieġeb lill-entitajiet konċernati billi għaddilhom kopja tal-korrispondenza kollha li huwa bagħat lill-Awtorità tal-Artijiet, Ministeri u rappreżentanti biex jittieħdu l-miżuri neċessarji u jitneħħew il-perikli eżistenti.

5.7.4. Il-Kunsill approva r-rendikont u innota t-tagħrif mogħti.

**5.8.1. Dwal Ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira (E/1/3 Vol VI)**

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri tal-Kunsill dwar il-progress li sar fuq il-proġett ta' dwal ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira. Fil-fatt huwa spjega li fil-bidu ta' Frar 2025, l-Awtorità tal-Ippjanar talbet lill-Kunsill aktar kjarifiki dwar l-applikazzjoni

5.8.4. Il-Kunsill approva r-rendikont u innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Mixgħela tal-Ġimgħa l-Kbira (A/5/5/Vol X)**

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf lill-Kunsill li għall-ewwel darba din is-sena hija x-xewqa tiegħu li l-Kunsill jorganizza mixgħela dakinhar li tiġi ċċelebrata l-Ġimgħa l-Kbira.

5.9.3. Is-Sindku qal li fil-Mellieħa diġa' ssir il-Mixja tal-Ġimgħa l-Kbira iżda qal li tkun xi ħaġa sabiħa jekk issir mixgħela bix-xemgħat fil-Bitħa tas-Santwarju.

5.9.4. Is-Sindku kompla jgħid li kollox għadu fi stadu preliminari peress li jridu jiġu ċċekkjati l-prezzijiet, eċċ. Bħala permessi, l-Arċipriet ma sab l-ebda oġġezzjoni biex il-mixgħela bix-xemgħat issir fil-Bitħa tas-Santwarju.

5.9.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Proġett ta' Latrina Pubblika 'Self Maintained' (L/3/Vol III)**

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-qalba tar-raħal fil-Mellieħa teżisti biss latrina pubblika waħda u qegħda dejjem aktar tinħass il-ħtieġa ta' latrina pubblika oħra possibilment lejn l-inħawi tal-Għoljiet tal-Mellieħa. Għal dan il-għan huwa qal li f'ċertu lokalitajiet ġew introdotti latrini pubbliċi hekk imsejħa 'Self Maintained Public Conveniences' u xtaq jistaqsi li kieku l-Kunsill kellu jintroduċi waħda fil-pjazza ta' Triq l-Għoljiet.

5.10.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u kien hemm qbil li jkun hemm diskussjoni aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

**5.11.1 Proposta biex jiġi ppubblikat Ktejjeb dwar il-Qniepen u l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/5/Vol III)**

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera minuta 5.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa għamel kuntatt ma' Ms Tara Darmanin u ġie stabbilit li l-ktejjeb m'għandux jitratta biss fuq il-qniepen tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa imma informazzjoni dettaljata dwar il-Knisja Arċipretali in ġenerali.

5.11.3. Is-Sindku G. Micallef qal Ms Tara Darmanin kienet għamlet studju interessanti ferm fuq il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa, studju li jidher li qatt ma kien ġie ippubblikat xi ħaġa simili tiegħu qabel.

5.11.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace (P/4/17)**

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-baġit għas-sena 2025, il-Kunsill għandu ivvutati fondi sabiex isir tisbiħ tat-turġien fil-qalba tar-raħal. Għal dan il-għan, huwa xtaq jipproponi li jsir xogħol ta' tisbiħ fit-taraġ ta' Triq l-Isqof Pace biex jinħoloq kunċett ta' konsistenza anke mat-turġien li diġa' sar xogħol ta' tisbiħ tagħhom u anke jiġi introdott il-kunċett ta' urban greening.

5.12.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Talba għal Pedestrian Crossing fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Frangisk Zahra (T/3/3/Vol V)**

5.13.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li kienet saritlu talba dwar il-possibilità li l-Kunsill jintroduċi pedestrian crossing fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Frangisk Zahra. Huwa kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu hemmhekk huwa perikoluż iżda qed tinħass dejjem aktar 'il ħtieġa ta' pedestrian crossing f'din il-parti ta' Triq il-Kbira.

5.13.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill jista' jagħmel talba lil Transport Malta sabiex jidentifikaw fejn ikun l-aktar post sigur li l-pedestrian crossing issir.

5.13.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li jekk issir viċin il-bus stop li hemm ftit 'il fuq minn Triq Frangisk Zahra, vetturi li jiddeċiedu li jaqbżu l-karozzi tal-linja li jkunu weqfin fuq il-bus stop isibu ma' wiċċhom persuni li jkunu qegħdin jaqsmu u għaldaqstant hemmhekk ċertament mhux post sigur bies issir pedestrian crossing.

5.13.5 Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-pedestrian crossing tista' ssir eżatt kif taqbeż Triq Frangisk Zahra peress li Triq Frangisk Zahra hija one way 'l isfel biss u one way 'l fuq fil-parti l-oħra tagħha għaldaqstant mhux ħa jkollok vetturi ħerġin għal Triq il-Kbira.

5.13.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg fakkar li fil-passat ftit aktar 'isfel minn dan il-punt kien hemm bus stop li kellu jitneħħa peress li meta kienu jieqfu l-karozzi tal-linja, it-traffiku kien jeħel u kemm jista' jkun f'din il-parti ta' Triq il-Kbira m'għandu jkun hemm xejn li jxekkel li t-traffiku jibqa' għaddej.

5.13.7. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri qal li għalkemm jifhem id-diffikultajiet li hemm biex tidentifika fejn għandha ssir il-pedestrian crossing, wieħed irid jifhem ukoll li ħafna nies ikollhom bżonn jaqsmu t-triq hawnhekk.

5.13.8. Is-Sindku G. Micallef qal li jifhem li fil-passat din il-materja ġiet diskussa ħafna drabi u mhux faċli tidentifika l-aktar post sigur fejn issir. Huwa kompla jgħid li madanakollu huwa tal-fehma li l-Kunsill għandu jkollu f'idejh xi ħaġa studjata a bażi tat-talbiet li saru.

5.13.9. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

**5.14.1 Użu tal-Uffiċċju tal-Kunsill mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin (K/3/Vol III)**

5.14.2 Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill kien irċieva imejl datat 26 ta' Frar 2025 mibgħut mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin fejn il-kumitat ta' din l-għaqda talab li jagħmel użu mis-sala tal-Kunsill kif ġej:

(i) Fl-24, fil-25 u fis-26 ta Marzu 2025 fit-8.00pm għat-tlugħ tal-poloz tad-duri; u

(ii) Nhar l-Erbgħa, 9 ta April fit-8.00pm għal-laqgħa ġenerali annwali tal-istess għaqda.

5.14.3. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-għaqda tuża s-sala u nnota t-tagħrif mitlub.

**5.15.1. Inizjattiva Tħawwil ta' Siġar u Arbuxelli – Project Green (A/3/Vol IV)**

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li b'rabta mal-inizjattiva mnedija minn Project Green dwar tħawwil ta' siġar u arbuxelli, il-Kunsill issottometta applikazzjoni li fiha elenka ħmistax-il sit differenti fil-Mellieħa u fil-Manikata fejn jistgħu jitħawlu aktar siġar u arbuxelli.

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.16.1. Żvilupp fi Triq id-Denċi kantuniera ma' Triq il-Padrun (P/5/8/D)**

5.16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li ġie avviċinat mill-Perit Mario Axisa li għarrfu dwar żvilupp li ser isir fi Triq id-Denċi kantuniera ma' Triq il-Padrun, liema xogħol fuq dan is-sit mistenni jibda fix-xhur li ġejjin.

5.16.3. Is-Sur E. Bartolo qal li meta huwa sar jaf b'dan l-iżvilupp, il-preokupazzjoni tiegħu kienet liema miżuri ser jittieħdu sabiex ir-residenti ta' Triq id-Denċi u Triq il-Padrun ma jisfgħux magħluqa bejn żewġ żviluppi u ma jkunux jistgħu joħorġu bil-vetturi tagħhom. Huwa qal ukoll li jinsab mħasseb dwar kif ser jingħataw is-servizzi f'dawn iż-żewġ toroq, jekk mhux ser jitħalla aċċess la minn naħa u lanqas minn naħa oħra.

5.16.4. Is-Sindku G. Micallef irrefera għal talba li l-Kunsill kien irċieva mingħand il-Perit Joe Grech li huwa l-Perit responsabbli minn żvilupp li diġa' beda fi Triq id-Denċi. Il-Perit Joe Grech kien talab lill-Kunsill jagħti n-no objection tiegħu sabiex jinbena l-boundary wall madwar is-sit tal-iżvilupp. Il-Kunsill, li ma kien imdaħħal fl-ebda konsultazzjoni qabel, peress li l-emails kienu qed imorru għand il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, ma kellux triq oħra u ta n-no objection tiegħu. Dan peress li minħabba raġunijiet ta' sigurtà kemm għar-residenti tal-madwar kif ukoll għall-ħaddiema l-boundary wall bilfors kellu jsir. Meta mbagħad inbena l-boundary wall, dik il-parti ta' Triq id-Denċi ngħalqet kważi għal kollox u l-vetturi ma setgħux jibqgħu minn hemm. Dan peress li quddiem is-sit tal-iżvilupp xi żviluppatur ħammel

plot vojta u tefa' l-materjal kollu f'din il-parti tat-triq bil-konsegwenza li r-residenti ta' Triq id-Denċi l-unika aċċess li baqalhom bħalissa huwa minn Triq il-Padrun.

5.16.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa min kien responsabbli li jnaddaf dak it-terrapien għax mhux ġust li tefgħu hemm.

5.16.6. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa qiegħed f'kuntatt ma' Infrastructure Malta sabiex possibilment din il-parti tat-triq tinfetaħ aktar u aktar issa li ser isir żvilupp ieħor fil-viċinanzi. Huwa qal li madanakollu huwa tal-fehma li għandu jkun il-kuntrattur li jnaddaf dan it-terrapien għax it-triq għadha lanqas biss taqa' taħt ir-responsabilità tal-Kunsill.

5.16.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg kien tal-fehma li dan il-każ għandu jitressaq quddiem il-Pulizija sabiex issir investigazzjoni min-naħa tagħhom u possibiliment l-kuntrattur jintalab inaddaf.

5.16.8. B'rabta mal-iżvilupp il-ġdid li ser isir, il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Perit Mario Axisa tah applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn il-Kunsill qed jintalab jieħu taħt ir-responsabilità tiegħu parti minn triq li hija pubblika u li tinsab f'Dawret it-Tunnara.

5.16.9. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jintalab parir ta' Perit speċjalment biex jiġi identifikat ta' xhiex ser ikun qed jerfa' responsabilità l-Kunsill.

5.16.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab li jintalab parir minn Perit fuq dan il-każ.

## 5.17.1. Laqgħa ma' Comune Di Cavriglia dwar Skambji ta' Żgħażagħ (K/1/5/3/Vol IV)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif kien diġa' ġie ikkomunikat, fl-4 ta' Frar 2025 saret laqgħa virtwali bejn il-Kunsill u l-Comune di Cavriglia dwar il-possibilità ta' skambji ta' żgħażagħ fil-vaganzi tas-sajf li ġej.

5.17.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-ħsieb min-naħa tal-Comune di Cavriglia huwa li l-istudenti Taljani jiġu l-Mellieħa lejn l-aħħar ta' Awissu/bidu ta' Settembru biex primarjament jitgħallmu l-Ingliż u jesperjenzaw il-kultura Maltija filwaqt li l-istudenti Melleħin jitilgħu Cavriglia lejn l-aħħar ta' Lulju 2025 u jkollhom il-possibilità li jilagħbu l-futbol ma' timijiet Taljani.

5.17.4. Is-Sindku qal li huwa jixtieq li din is-sena tkun għaqda mużikali li titla' Cavriglia u l-istudenti tagħha jkollhom l-opportunità li jesebixxu t-talenti tagħhom kemm Cavriglia kif ukoll fi Siena, f'Arezzo u f'Firenze possibiliment.

5.17.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li s'issa mit-tliet għaqdiet mużikali l-ebda għaqda għadha ma żaret Cavriglia. Iżda jkun xieraq jekk il-Kunsill jidentifika liema għaqda se tkun mistiedna titla' Cavriglia, peress li riċentement is-Società Filarmonica La Vittoria żaret Adenau.

5.17.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill irid jiddeċiedi wkoll għandhiex tiġi mistiedna għaqda mużikali wkoll biex iżżur Agia Napa jew għal Medival Festival jew għal Agia Napa International Festival.

5.17.7. Is-Sindku qal li peress li ż-żjara għal Cavriglia trid issir fis-sajf, ikun aktar għaqli jekk din id-darba tingħata l-opportunità lill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina peress li l-għaqdiet mużikali l-oħra fis-sajf ikunu mħabbtin ħafna bil-festi. Huwa żied jgħid li l-għaqdiet mużikali jistgħu jagħżlu huma l-membri li se jżuru Cavriglia jew Agia Napa u l-Kunsill jista' jissuġġerixxi li għandha tkun selezzjoni ta' tnax il-mużiċist.

5.17.8. Il-Kunsill wara aktar diskussjoni qabel li, għandu jsiru kuntatt mal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina dwar il-possibilità li selezzjoni ta' mużiċisti minn din l-għaqda żżur Cavriglia f'Lulju ta' din is-sena, filwaqt li selezzjoni mill-Għaqda Mużikali Imperial tingħata l-opportunità li żżur Agia Napa f'Ottubru 2025 hekk kif jispiċċa l-istaġun tal-festi.

5.17.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1 Kuntratt dwar Manutenzjoni ta' Bankini u Servizzi Anċillari Oħra (T/4/4/Vol II)

5.18.2. Saret referenza għall-minuta 5.26.1 tas-seduta preċedenti fejn saret aktar diskussjoni dwar dan il-kuntratt li kulma jmur aktar qed jinħass il-bżonn li l-Kunsill ikollu kuntratt ta' dan ix-xorta.

5.18.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-passat, il-Kunsill kellu dan it-tip ta' kuntratt. Sfortunatament, dan l-aħħar works orders li qed jgħaddu lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi qed jgħaddu minn proċess twil ta' verifikazzjoni u x-xogħol qed jaqa' lura.

5.18.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li jinħadem tender document ġdid bil-għan li jindirizza l-bżonnijiet eżistenti. Huwa kompla jgħid li bħala rati ċertament ser ikunu għola minn dawk tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

5.18.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.19.1. Kuntratt dwar il-Ġonna Pubbliċi (K/6/3/Vol V)

5.19.2. Is-Sindku G. Micallef tkellem fuq is-sitwazzjoni preżenti tal-ġonna u żoni ħodor fil-lokalità. Huwa qal li attwalment is-servizz huwa wieqaf sakem jiġi rivedut il-Kuntratt għaż-Żamma tal-Ġonna Pubbliċi li skada f'April 2024 u saret talba biex jiġġedded sa Novembru 2024. Il-kuntrattur Bezzina Ltd kien fil-fatt informa lill-Kunsill li kien ħa jkun f'pożizzjoni li jibqa' jagħti servizz sa Novembru 2024.

5.19.3. Wara diskussjoni fuq din il-materja, il-membri kollha qablu li jeħtieġ li jkun hemm żieda fl-Estimated Procurement Value tal-Kuntratt u dan preferebilment jirdoppja minn €76,000 għal €152,000 biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati kif xieraq l-esiġenzi kollha fil-ġonna pubbliċi kollha u fiż-żoni kollha marbuta ma' dan il-kuntratt fi tliet snin.

5.19.4 Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fl-immedjat għandhom isiru xogħlijiet t'emerġenza biex ikunu jistgħu jilqgħu għal ħtiġijiet bżonnjużi.

5.19.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.20.1. Kuntratt dwar il-Kiri ta' Crew Cab għall-Ħaddiema tal-Kunsill (V/3)

5.20.1. Is-Sindku G. Micallef għarraf li jeħtieġ li l-Kunsill jagħmel sejħa għall-offerti biex jikri crew-cab li tintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.20.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin qalet li bħala document lest peress li jista' jintuża dak li ntuża preċedentement.

5.20.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għandha ssir is-sejħa għall-offerti.

## 5.21.1. Tismija ta' parti minn Triq Napuljun Caruana Dingli (T/4/1/Vol III)

5.21.2. Saret referenza għall-imejl datat 20 ta' Frar 2025 mibgħut mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar proposta biex parti minn Triq Napuljun Caruana Dingli li tinsab biswit Ġnien il-Kenn Soċjali, se tkun imsemmija b'isem ġdid jew jekk dawn il-bibien (wieħed ta' binja ġdida u garaxx) se jingħataw numru tal-bieb ma' dawk ta' Triq il-Muna.

5.21.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-isem ta' dik il-parti tat-triq għandu jkun Triq Napuljun Caruana Dingli peress li tinsab proprju f'din it-triq.

5.21.4. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u talab li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq għandu jkun infurmat b'din il-proposta.

## 5.22.1. Uffiċjali tal-LESA fi Triq il-Kbira (W/3/Vol XII)

5.22.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg xtaq jirrimarka li fi Triq il-Kbira, qed ikun hemm uffiċjali tal-LESA jagħmlu sorveljanza iżda qed iħarrku biss lil dawk il-vetturi li ma jkunux għamlu l-parking dial mal-windscreen tal-vetturi tagħhom biex jindikaw fi x'ħin ipparkjaw fiż-żona ta' parkeġġ bil-ħin.

5.22.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill ma jistax jintervjeni fuq il-ħidma li jwettqu l-uffiċjali tal-komunità. Hija fid-diskrezzjoni tagħhom kif iwettqu x-xogħol tagħhom.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Faċilitajiet għall-Ħatt u Tagħbija fi Triq il-Kbira u fi Triq Gorg Borg Olivier (T/3/3/Vol V)**

5.23.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal jekk il-Kunsill għandux jikkunsidra li l-ħinijiet ta' filgħaxija marbuta mal-faċilità ta' ħatt u tagħbija matul Triq il-Kbira u Triq Gorg Borg Olivier jitneħħew bil-għan li l-vetturi jkollhom aktar fejn jipparkjaw filgħaxija fit-toroq imsemmija. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-implimentazzjoni ta' din il-miżura ċertament li tgħin lill-komunità kummerċjali ta' din iż-żona.

5.23.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qal li jkun għaqli kieku qabel ma tiġi introdotta din il-miżura, il-Kunsill jistaqsi lill-ħwienet jekk isirux deliveries filgħaxija.

5.23.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jneħħi l-ħinijiet ta' filgħaxija minn un/loading bay waħda imma mhux ineħħihom minn kollha. Huwa kompla billi qal li mingħajr informazzjoni ma tistax tieħu deċiżjoni.

5.23.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ħinijiet tal-faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija bħalissa huma bejn id-9.00am u s-1.00pm u bejn l-4.00pm u s-6.30pm. Huwa qal li forsi jkun jagħmel sens li l-Kunsill iħalli l-ħinijiet ta' filgħodu biss u mis-1.00pm 'il quddiem vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw imma għal ħamsa u erbgħin minuta sabiex ma jkollokx vetturi li jipparkjaw għal tul ta' ħin.

5.23.6. Is-Sindku G. Micallef qal li jkun għaqli li l-Kunsill l-ewwel jikkonsulta mac-Chamber of SME's u tintbagħat ittra lin-negozji ta' Triq il-Kbira u Triq Gorg Borg Olivier sabiex ikollu l-feedback tagħhom.

5.23.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.24.1. Għeluq ta' Toroq minħabba Xogħol ta' Kostruzzjoni fil-Ġurnata tas-Sibt (T/3/3/Vol V)**

5.24.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf li fis-seduta numru 16 li kienet saret fil-21 ta' Lulju 2020, il-Kunsill ta' dak iż-żmien kien ħa id-deċiżjoni li nhar ta' Sibt ma jingħatawx permessi biex jingħalqu toroq li jistgħu jaffettwaw Triq Gorg Borg Olivier u Triq il-Kbira. Is-Sur Buttigieg qal li din id-deċiżjoni ttieħdet fuq suġġeriment li kien għamel dak iż-żmien, is-sotto kumitat responsabbli mit-toroq prinċipali tal-Mellieħa fi ħdan il-Kunsill. Is-Sur Buttigieg kompla billi qal li dan is-sotto kumitat kien iddiskuta wkoll t-tibdil tar-rotot tat-trasport pubbliku mit-toroq prinċipali, l-infurzar, u l-immaniġġjar aħjar tat-traffiku f'dawn it-toroq.

5.24.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill kien qabel li toroq bħal Triq Santa Marija, Triq Frangisk Zahra u Triq Dun Frangisk Sciberras fost toroq oħrajn possibiliment ma jkunux magħluqa għat-traffiku nhar ta' Sibt biex Triq Gorg Borg Olivier u Triq il-Kbira ma jkunux affettwarti b'aktar konġestjonijiet tat-traffiku, eċċ. Għal dan il-għan huwa xtaq jistaqsi jekk din il-miżura kienx għadha qed tiġi osservata jew mod ieħor.

5.24.4. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li iva din il-miżura kien għadha qed tiġi osservata imma xtaq jirrimarka li mhix infallibbli. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Front Office tal-Kunsill mhux l-eħfef uffiċċju li jista' jkollok iżda huwa ċert li l-istaff qed jagħmel ħiltu kollha biex din il-klawsola tiġi irrispetata. Huwa kompla jgħid li ġie mgħarraf b'każ fejn crane għalaq karreġġjata waħda fi Triq il-Kbira izda meta ivverifika rriżulta li kienet proprju Transport Malta li esiġiet li dan ix-xogħol isir is-Sibt filgħodu.

5.24.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jirrimarka li din il-klawsola f'każ ta' emerġenza ma tgħoddx imma qal li bħal fi Triq Snajjin, Triq Frangisk Zahra u Triq Dun Frangisk Sciberras fejn għandek tliet żviluppi għaddejjin fl-istess waqt il-Kunsill għandu jieħu ħsieb lir-residenti tal-inħawi wkoll.

5.25.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa tal-fehma wkoll li toroq bħal Triq Santa Marija u Triq il-Mitħna l-Ġdida ma jingħalqux waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal fl-iskola.

5.26.6. Il-Kunsill qabel mal-punti msemmija hawn fuq u innota t-tagħrif mogħti.

**5.27.1. Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 – 2026** **(F/1/7/Vol XI)**

5.27.2. Saret referenza għall-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali permezz ta' Ċirkulari SPI/SCI/02/2025 dwar Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026, datata 18 ta' Frar 2025. L-iskop tagħha huwa li tingħata l-opportunità lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw attivitajiet u/jew inizjattivi kulturali bil-għan ewlieni li l-lokalitajiet ikomplu jinvestu u jiżguraw is-sostenibbilità kulturali u l-kontribuzzjonijiet li toffri għall-benessere tar-residenti tagħhom. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €20,000 (inkluża l-VAT) kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtiha lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%.

5.27.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li, kif sar fi snin preċendenti, għandha tiġi sottomessa proposta fir-rigward tal-Iljieli Melleħin 2025, skont l-għanijiet tal-iskema, sad-data tal-għeluq it-28 ta' Marzu 2025. Il-Kunsill approva l-attività li għaliha l-Kunsill se japplika u approva wkoll li l-Kunsill se jkun f'posizzjoni li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus.

**6.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo, li tgħid:**

"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) (L.S. 363.20) skont Regolament 19(1), jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill; u

Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2024 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz mill-uffiċjali mpjegati mal-Kunsill matul is-sena 2024, kif deskritt fil-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skont l-iskeda, mehmuża mal-imsemmija regolamenti;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għas-Sena Finanzjarja 2024, l-impjegati eliġibbli, għandhom jitħallsu *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa f'Diċembru 2024, skont il-perċentwali ndikati fl-istess rapporti u soġġett għall-ftehim kollettivi fis-seħħ, kif ukoll skont ir-rata mogħtija mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv.".

(Wages)

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Cauchi.

**7.1. Art f'Tal-Ibraġ** **(A/6/7/Vol III)**

7.1.1. Saret referenza għall-imejl mibgħut mid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali s-Sur Emil Vassallo datat 19 ta' Frar 2025 dwar komunikazzjoni li huwa rċieva mingħand l-Awtorità tal-Artijiet dwar żewġ porzjonijiet ta' art pubblika viċin il-Park tal-Familja.

7.1.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill din l-imejl kif ukoll is-site plan biż-żewġ porzjonijiet tal-art immarkati fejn intqal li dawn l-artijiet kellhom il-kirja għal skopijiet ta' agrikoltura tterminata minħabba l-proġett tal-Park tal-Familja. Fil-preżent xi ħadd mill-werrieta qed jitlob li dawn l-artijiet jintraddu lura peress li ma ntużawx u l-Awtorità tal-Artijiet qed tistaqsi lill-Kunsill jekk għandux xi skopijiet għal din l-art.

7.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li qabel mal-Kunsill iwieġeb, ikun għaqli li tintbagħat komunikazzjoni lill-perit inkarigat mill-introduzzjoni ta' Interchange fi Triq Selmun sabiex ikollna konferma min-naħa tiegħu li l-Interchange mhux ser issir fuq l-ebda minn dawn l-artijiet.

7.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mas-suġġeriment tal-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

8.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta’ Akkwist ta’ Servizzi u Materjal datata 21 ta’ Frar 2025.

8.1.3. Tressqet ukoll skeda ta’ pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-27 ta’ Jannar 2025 u l-21 ta’ Frar 2025.

8.1.4. Ġiet imressqa skeda ta’ Infieq permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn l-1 ta’ Jannar 2025 u s-17 ta’ Frar 2025.

8.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.00pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 24 ta’ Marzu 2025 fil-5:30 pm.





Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**